# KELLIMNI FUQ RUŻAR

Ta' Ġużè' Cardona

Kellimni, kellimni, Sinjura mbikkija
Fuq Żewġek Poeta, Poeta mill-kbar;
Fakkarni f'li ġarrab tul ħajtu mogħtija
Għall-ġmiel, għat-tjubija... li sqewh bosta mrar.

Fakkarni x'kien igħidlek fuq Malta ħanina,
Fuq Malta li għanna b'imħabba tal-ġenn
F'*Ġens Malti*, f'*Ir-Rebħa,* ukoll f'*Jum ir-Rebħa*...
Fakkarni f'mħabbtu li bħalha ftit hemm.

Tennili x'kien jaħseb f'qiegħ ruħu sabiħa
Fuq Emmna, fuq Alla, fuq Omm l-Imnikktin;
Urini kemm sabar għallmitu dil-Fidi,
Il-kenn li sab fiha mill-ħqir tal-bnedmin.

Urini kemm xenaq Rużar għall-imħabba
Ta' niesu, ta' ħbiebu; kemm ħabb dan l-Ilsien
Li tiegħu sar prinċep għalkemm qatt ma tkabbar
U ġwejjed bħal tifel ried jibqa' sat-tmiem.

Għallimni, Sinjura, inħobbu wisq iżjed;
Berraħli kemm tista' il-qalb ta' Rużar;
Jekk qalbek isserraħ x'ħin fuqu titkellem
Issokta ħeġġiġli għalih dan in-nar!

Sliema, 1 ta' Mejju.